# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 324 – It-Tnejn 8 t' Awwissu 2016

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 322 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 FINANZI

**2.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm pagamenti x'jitħasslu

# 3 HWEJJEĠ OHRAJN

### 3.1 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ippreżenta rapport tal-Bord tal-Għażla li fih jingħad li saru l-intervisti ma' dawk l-applikanti eliġibbli. B'kollox kien hemm 28 applikazzjoni, 10 minnhom ma kinux eliġibbli għaliex ma kinux fil-lista tal-*pool* tad-DGL; żewġ applikanti irtiraw l-applikazzjoni tagħhom. B'hekk l-intervisti saru ma' sittax-il persuna u dawn saru skont kriterji stabbiliti mill-istess bord f'laqgħa preliminari. Huwa qal li għaddew 10 persuni filwaqt li 6 m'għaddewx. Fl-ewwel post fl-ordni tal-meritu ġie is-sur Keith Galea (applikazzjoni nru. 21) u ipproponi li għalhekk għandu jingħata l-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

Il-Kunsill Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.2 Performance Bonus lis-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal li billi s-sur Nikol Baldacchino se jispiċċa minn Segretarju Eżekuttiv nhar il-Ġimgħa 12 t'Awwissu, huwa kien qed jipproponi li jingħata l-performance bonus għall-massimu tiegħu għall-perjodu minn Jannar sat-12 t'Awwissu.

l-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.3 Għar Lapsi

Is-Sindku qal li jidher li l-fondi li se jiġu mill-Fond tal-Majjistral se jkun wieħed minimu. Din se toħloq diffikulta'. Dan għandu jwassal biex nirrevedu l-pjan li kellna għal-Lapsi u naraw f'ordni ta' priorita' x'jista' jitwettaq fil-futur qarib. Huwa ta' lista' ta' ħwejjeġ li jistgħu isiru: Din tinkludi:

- Bdil tar-railings kollha
- Irranġar tal-parti perikoluża tat-triq quddiem Carmen's Bar
- Jitneħħa l-*pitch* tal-bocci
- Tinbena l-latrina publbika ili tkun tinkludi *showers*
- Tinbena kamra tal-First Aid
- L-għoti bit-tarmac tan-niżla
- Issir fossa ġdida fis-sentina
- Bandli ġodda
- Isir u jitpoġġa l-monument imhallas mill-Gvern Ċentrali f'Lapsi Park
- Isir spazju aħjar fejn isirr l-bbqs
- Rampa għall-persuni b'diżabbilta' li tagħti għal-Lapsi Park

Is-Sindku kompla jgħid li hemm xi items li jistgħux isiru immedjatament għax ma jinħtiġux permessi, bħal fil-każ l-għoti bit-tarmac tan-niżla.
Il-Perit Neil Felice li kien preżenti ta d-dettalji tekniċi dwar diversi minn dawn il-ħidmiet.

Is-Sindku qal li billi huwa stmat li l-ispiża titla' għal madwar €400,000, irridu naraw liema huma daw l-affarijiet li jistgħux isiru immedjatment u kif il-proġett se jiġi iffinanzjat. L-aktar urġenti huwa l-bdil tar-railings, l-għoti bit-tarmac tan-niżla u l-latrina pubblika.

Huwa kompla jgħid li kien qed jipproponi li ssir applikazzjoni mal-PA għall-proġett sħiħ b'mod globali, kif ukoll issir talba speċifika lill-PA biex ningħataw fondi mill-European Initiatives Partnerships Programme (EIPP). Jekk ma ningħatawx fondi, se tinħoloq diffikulta' għaliex huwa diffiċli biex il-Kunsill jiffinanzja kollox hu.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3.4 Ċentru Ċiviku

Is-Sindku qal li kien qed jipproponi li tiddaħħal l-applikazzjoni tal-proġett kif kien diskuss f'seduti preċedenti. Huwa kompla jgħid li madankollu xorta waħda jistgħu isiru tibdiliet jekk ikun hemm il-ħtieġa, wara li jiġu konklużi d-diskussjoni mal-amministrazzjoni tal-PL.

Il-Viċi Sindku issekondat.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li minħabba li dawn id-diskussjonijiet mal-PL għadhom ma ġewx konklużi, it-tliet kunsilliera Laburisti kienu se jastjenu.

Is-Sindku qal li dawk li se jastjenu jidhrilhom li għandhom ibiddlu l-vot tagħhom għal wieħed favur huma jistgħu jagħmlu dan sas-seduta li jmiss.

L-eżitu tal-vot kien:
Favur: 4 (Dr Karol Aquilina. Dr Alessia Psaila Zammit, il-Kunsilliera Juian Borg u Gillian Farrugia Pace)
Astensjonijiet: (3) Il-Kunsilliera Clayton Cutajar, Nicholas Cassar u Dominic Grech.
Is-Sindku iddikjara li l-mozzjoni kienet għaddiet.

## 3.5 Lattrini pubbliċi

Is-Sindku qal li riċentement irċevejna komunikat mill-MTA li l-Gvern Ċenrali jixtieq li l-lattrini pubbliċi kollha ma jibqgħux f'idejn il-Kunsilli Lokali. L-idea hi li jgħaddu għand il-Gvern u dawn jibda' joħroġhom b'tender. Dan ifisser primarjament li l-użu tagħhom jibda jsir bil-ħlas. L-MTA qed titlob l-opinjoni tal-Kunsill dwar dan. Dan ifisser ukoll li l-Kunsill ma jibqalux kontroll fuq il-latrini.

Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-materja, is-Sindku ippropona li din it-talba mhijiex aċċettabli għall-Kunsill. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.6 Ħruġ ta' tenders

Is-Sindku qal li hemm numru ta' kuntratti li skadew jew waslu biex jiskadu. Dawn kienu *on hold* għaliex preżentament qed tinbidel is-sistema tal-ħruġ tat-tenders għal waħda elettronika. Dawn i-kuntratti huma:

- Patching (LCS 34/12)
- Servizz ta' Perit (LCS 19/3)
- Public Conveniences (LCS 24/13)
- Supervisor of Works (LCS 17/13
- Traffic Sings (LCS 14/13)

Barra minn dawn hemm il-kuntratt ma-Nexos li hemm il-ħtieġa li jiġedded għal sena oħra.

Is-Sindku ippropona li toħroġnis-sejħa għal dawn il-kuntratti kif ukoll jiġġeded għal sena oħra l-kuntatt mal-kumpanija Nexos.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fit-8:30pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar it-Tnejn 29 t' Awwissu 2016, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 29 t'Awwissu 2016**